**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 33**
***16 ta' Marzu 2015 fl-4:00p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:15p.m.

**Preżenti:**

Sur Paul Azzopardi Sindku

Sur Domenic Zerafa Kunsillier

Sinjura Jeanelle Attard Kunsilliera

Sur George Zammit Kunsillier

**Uffiċjali:**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

**Skuzati**

Sinjura Dr. Monica Vella Vici-Sindku

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29,30,31,32 tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Fiori d'Argenta 2015**

   Is-Sindku nfurma lill-kunsilliera prezenti li hemm bzonn isiru affarijet differenti f'din l-attivita' biex tigbed aktar nies. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li titellgħa l-Ballata. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt ma persuni rigward il-

XEWKIJA

Ballata. Il-Kunsillier George Zammit issugerixxa li jkun hemm beer festivial. Il-Kunsilliera prezenti qablu li din is-sena ma jkunx hemm tberik taz-zwiemel peress li s-sena l-oħra ma kienux inkitbu ħafna. Kien hemm qbil ukoll li terggħa titellgħa bil-kolloborazzjoni ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex- '*your health first'* u jekk possibli ikun hemm Blood donation ukoll. Jeanelle Attard issugerit li jkun hemm clay modelling tat-tfal b'affarijiet marbutin max-Xewkija u issugerit ukoll li jkun hemm catering jew hairdressers biex jingabru l-fondi għal Puttinu Cares. Kien hemm qbil li l-akbar torta tal-bajtar ta' San Gwann terga issir. George Zammit issugerixxa li jkun hemm train rides u Jeanelle Attard issugerit li jkun hemm xi hadt fuq it-train ifiehem dwar postijiet ta' interess fix-Xewkija.

## 6 Affarijiet Oħra

Kien hemm diskussjoni rigward it-tender tal-gbir tal-iskart domestiku.

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera prezenti li gie inawgurat l-ufficcju tal-LEAP fix-Xewkija. Hu kompla jgħid li minn dan l-ufficcju ser ikun qed jingħata ukoll is-servizz tal-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma lir-residenti kull nhar ta' Erbgha mit-8:00am-12:00pm.

Fil-laqghat ta' qabel kien hemm talba mingħand Heidi Grech biex issir park tal-klieb fil-Gnien ta' Blankas. Il-kunsill qabel li Gnien Blankas mhux il-post addadat għal hekk peress li hemm il-cart ruts. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit l-area tal-MIP fejn hemm is-sigar fuq is-siss. Is-Sindku nfurma li din l-area mhux tal-kunsill u jkun irrid jintalab il-permessi meħtiega.

## 7. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Ittra mingħand Dipartiment għal Gvern Lokali dwar 'National Training Strategy for Local Councils in Malta'
ii. Ittra mingħand George Azzopardi dwar Mgarr ix-Xini Regional Park.
iii. Ittra mingħand NSTF dwar Science Days in Gozo u prezentazzjoni ta' ktieb. Il-kunsill qabel li jinxtara ktieb.
iv. Ittra mingħand resident rigward il-fabbrika li ser isir tal-faqqieħ.
v. Korrispondenza mingħand Għaqda Dilettanti tan-Nar biex tigi banda Sant' Elena ta' Birkirkara bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.
vi. Korrispondenza mingħand Għaqda Dilettanti tan-Nar fuq ħlas għal-Insurance.Il-kunsill qabel li ihallas parti minn din l-insurance.
vii. Korrispondenza mingħand Animal Guardians Malta fuq is-sitwazzjoni tal-qtates abandonati.

viii. Korrispondenza mingħand il-Bord ta' Governanza fuq direttivi mill-Board tal-Governanza dwar claims.

ix. Korrispondenza mingħand il-President ta' Malta rigward ringrazzjament tal-ġabra li saret fl-istrina minn Għawdex.

x. Korrispondenza mingħand Banda Prekursur rigward reklam tal-Fiori d'Argenta u l-awguri tal-festa għal fuq il-ktieb ta' San Ġwann Battista. Il-Kunsil qabel ma dan.

xi. Memo 5/2015- Skema ta' Ghajnuna Finanzjara ghall-Korsijiet Lifelong learning 2015-16.

xii. Ittra mingħand il-Ministeru ghall-Gustizzja, kultura u Gvern Lokali dwar Somma approvata mill-Board - €25,000 għal lift ghal nies b'dizabilita u anzjani.

xiii. Cirkulari AGL 2/2015 – konferenza Prigett ERSI

xiv. Ittra mingħand Avv Deborah Mercieca f'isem il-Perit Clint Camilleri rigward il-pagamenti pendenti tiegħu fuq il-kaz tal-bankini fi Triq il-Ħamrija.

xv. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar laqgħa ta' informazzjoni fuq persuni b'dizabilita' u ETC.

xvi. Mistoqsija Parlamentari numru 14559

xvii. Ittra mingħand Leap project għal stedina għall-Inawgurazzjoni taċ-Ċentru Leap fix-Xewkija.

xviii. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Komunitajiet Kreativi.

xix. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar kors ta' taħriġ għall-kandidati prospettivi u kunsilliera..

xx. Mistoqsija Parlamentari numru 14439/40.

xxi. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar possibilita li jigu impjegati fil-kunsill Lokali u kumitati regjonali, il-membri tal-progett LEAP.

xxii. Cirkulari AGL 13/2015- Opportunita' lil grupp ta' Kunsilliera biex iżuru Brussell.

xxiii. Ittra mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ għall-parteċipazzjoni taż-żagħażagħ.

## 8. <u>Kontijiet</u>

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 9. <u>Ilmenti u Suggerimenti</u>

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lil kunsill konniex gejna kunsultati u għaliex kienet tressqet iz-zebra crossing fi Triq il-Ħamrija. Is-Sindku qal lill-kunsilliera li din hija arterial road u ma taqax taht il-kunsll. Hu kompla jgħid li aktar giet tagħmel sens peress li ser jintuza aktar minħabba l-ufficcju l-gdid tal-LEAP fejn qed issiru l-pagamenti tad-dawl u l-ilma, kif ukoll ħabba *safty* tat-tfal. Jeanelle Attard kompliet tgħid li kif giet iz-zebra crossing issa perikuluza għax mhux mikxufa. Is-Sindku ser jara fuq dan biex issiru l-arrangamenti meħtiega.

XEWKIJA

10. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m. Il-Laqgħa ta' April ser issir fit-28 ta' April fl-4:00pm.

Wara li spiccat il-laqgħa tqajjem il-punt informali biex issir attivita' tal-Mothers Day bhal tal-passat. Il-Kunsilliera prezenti qablu li terga issir ħarga din id-darba Malta. Is-Sindku nfurma lil Jeanelle Attard biex tiehu ħsieb din l-attivita' u izzomm il-kunsill infurmat bil-pjanijiet.

Sue-Ellen Bugeja — Paul Azzopardi

Segretarju Eżekuttiv — Sindku